# Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2016

Appell Nru: 277/2014

**Il-Pulizja**

**Spettur Jurgen Vella**

**Vs**

**Jonathan Holland**

Illum

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Jonathan Holland, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 371678M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Stt, fis-26 ta' Gunju, 2013, gewwa Vilhena Band Club Bar, Triq Sant' Anna, Florjana, jew hu jew xi impjegat tieghu u/jew xi persuna ohra

li kienet qed tagixxi f'ismu, offra li jipprovdi servizz lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali u/jew kontba ta' ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mid-Driettur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXXIII tal-1998) u l-artikoli 51, 77 (o), 81 u 82 tal-istess Att.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 55, 77(o), 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tmien mitt ewro (€800).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jonathan Holland, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa jirrizulta illi waqt spezzjoni mill-ispetturi tad-Dipartiment tal-VAT gewwa il-Vilhena Band Club fi Triq Sant'Anna, Floriana, l-istess spetturi nnutaw li fil-bar ta' dan il-Club kien qed isir bejgh minghajr ma jinhargu ricevuti

fiskali minn *cash register* jew dawk manwali. Meta tkellmu mal-persuna responsabbli certu Jonathan Grima ikkonferma li l-gestjoni tal-bar kienet f'idejh. Minn ezami tal-*cash register* li kienet fuq il-post izda mhux funzjonanti rrizulta illi din kienet registrata fuq l-appellant Jonathan Holland. Xi jiem wara, Jonathan Grima kien mitlub jaccedi id-Dipartiment tal-Vat ghaliex rrizulta li kien qieghed jiggestixxi negozju minghajr ma kien registrat mad-Dipartiment u dan talab li jirregolarizza ruhu. L-appellant spjega illi fid-data tal-ispezzjoni kien ilu madwar xahar li ntemm il-kuntratt tieghu mal-Vilhena Band Club u li l-bar issa kien gestit minn Jonathan Grima, habib tieghu, li kien assigurah li kien ser jirregolarizza kollox mad-Dipartiment tal-VAT. Dan kollu kien spjegat lill-ispetturi tal-VAT meta cemplulu dwar l-akkadut;

L-appellant ressaq zewg aggravji fir-rigward tas-sentenza li biha nstab hati. Fl-ewwel aggravju, r-rikorrenti jghid illi l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant fir-rigward ta' infrazzjoni tal-ligi gewwa l-fond Vilhena Bank Club Bar meta dan il-fond huwa inezistenti ghaliex il-fond huwa denominat Vilhena Band Club Bar. L-uzu tal-kelma *Bank* minflok *Band* fil-komparixxi ma ghandu jwassal ghall-ebda konsegwenzi, zball dan li ma kienx sollevat mid-difiza ghad-decizzjoni tal-Ewwel Qorti. Dan huwa lapsus li ma jhalli ebda effett stante li l-fatti kollha juru li l-allegata infrazzjoni sehhet gewwa l-Vilhena Band Club fejn hu registrat l-appellant bhala l-persuna taxxabbli.

Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jilmenta mill-fatt illi la darba l-Ispetturi tal-VAT stabilew li l-fond kien gestit minn Jonathan Grima li assuma kull responsabilita' ghal tali gestjoni , ma kellux iwiegeb l-appellanti ghan-nuqqasijiet ta' terzi. Tajjeb qabel kull konsiderazzjoni ohra li jkun senjalat illi l-appellant kien akkuzat li hu personalment, jew impjegati tieghu u/jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi f'ismu, offra li jipprovdi servizz. L-prosekuzzjoni targumenta illi la darba l-appellant kien ghadu ma ghamilx talba sabiex jithassar bhala persuna taxxabbli dan ghandu jibqa' iwiegeb ghall-kull nuqqas li talvolta jista' jsehh fil-bar minnu gestit. Huwa

minnu illi kemm il-darba persuna registrata tonqos milli titlob li titnehha mir-registru ta' persuni taxxabbli, dik il-persuna tibqa' responsabbli ghal diversi effetti fil-ligi bhalma huma d-dmir ta' mili' u registrazzjoni ta' *returns.* Izda meta sar mgharuf lill-Ispetturi tad-Dipartiment tal-VAT illi persuna ohra hadet f'idejha il-gestjoni tan-negozju meta dik il-persuna la kienet impjegata tal-appellant u anqas ma kienet qed tagixxi f'isimha, kellha tkun dik il-persuna li twiegeb ghal-eghmil ta' gestjoni ta' negozju minghajr ma kienet registrata mad-Dipartiment. U dan la darba l-appellant wera bic-car li ma kellu ebda konnessjoni ohra man-negozju *de quo*.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.